# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd
L-XX Ħadd Matul is-Sena
Sena B

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex inkomplu nsaħħu l-fidi tagħna f'Alla.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Prov 9, 1-6)
Il-ktieb tal-Proverbji jistieden lill-bniedem sabiex iwarrab dak kollu li jfixklu.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 33)
Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej!

**It-Tieni Qari** (Efes 5, 15-20)
San Pawl jistieden lill-bniedem sabiex ifittex x'inhi x-xewqa ta' Alla għalih.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 6, 51-58)
Ġesù juri lill-bniedem li hu l-ħobż ħaj li nieżel mis-sema.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Il-fidi tagħna ssalvana u tħeġġiġna sabiex inroddu ħajr lil Alla ta' dak kollu li jagħtina.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-Ewkaristija hija l-milja tal-fidi tagħna.
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.